IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.9.2020
COM(2020) 603 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi Strutturali

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi Strutturali

INTRODUZZJONI

Mingħajr riformi li jsaħħu t-tkabbir ekonomiku, l-ekonomiji jistaġnaw u jiċkienu. L-implimentazzjoni ta' riformi mfassla tajjeb tgħin biex titjieb il-produttività, titħaffef il-konverġenza, tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija u jitjieb l-għoti tas-servizzi pubbliċi bħall-ġustizzja, is-saħħa u l-edukazzjoni. **Il-programm** ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP) jgħin lill-Istati Membri tal-UE jfasslu u jimplimentaw riformi li jtejbu t-tkabbir billi jipprovdi l-għarfien espert xieraq lill-awtoritajiet nazzjonali. L-appoġġ jista', pereżempju, jieħu l-forma ta' pariri strateġiċi u legali, studji, taħriġ u żjarat ta' esperti fuq il-post. Dan jista' jiġi pprovdut minn organizzazzjonijiet internazzjonali, korpi pubbliċi, konsulenzi, jew mill-persunal tal-Kummissjoni Ewropea stess. **B'baġit ta' EUR 222.8 miljun għall-2017–2020**, il-programm huwa ġestit mid-Direttorat Ġenerali għall-Appoġġ għar-Riformi Strutturali (DĠ REFORM).

F'konformità mar-Regolament SRSP[1], il-programm kien soġġett għal **evalwazzjoni ta' nofs it-terminu**. L-għan kien li jiġi eżaminat kif kien sejjer sa issa l-SRSP skont ħames kriterji ta' evalwazzjoni (rilevanza, effettività, effiċjenza, koerenza u valur miżjud tal-UE) u li jinsiltu tagħlimiet għal titjib possibbli fil-futur. F'dan ir-rapport, il-persunal tal-Kummissjoni jippreżenta u jirrifletti fuq dak li nstab.

METODU

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu kopriet iċ-ċikli baġitarji tal-programm għall-2017 u l-2018, l-Azzjoni Preparatorja tal-2016[2] u l-proġetti ffinanzjati permezz tat-trasferimenti volontarji ta' riżorsi addizzjonali għall-baġit[3] tal-SRSP mill-Greċja u mill-Bulgarija fl-2018. Kuntrattur estern indipendenti għamel studju ta' evalwazzjoni għal dan il-għan[4]. L-istudju

[1] L-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1–16, kif emendat bir-Regolament (UE) 2018/1671, ĠU L 284, 12.11.2018, p. 3–5.

[2] Il-Kummissjoni Ewropea (2017), Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-26.1.2017 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016) 4011 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament lejn l-azzjoni preparatorja "Żvilupp tal-kapaċitajiet u bini tal-istituzzjonijiet biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tar-riformi ekonomiċi", C (2017) 304 final, Brussell.

[3] L-Artikolu 11 tar-Regolament SRSP jirreferi għall-kontribuzzjonijiet volontarji li Stat Membru jista' jittrasferixxi mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-SRSP għall-użu ta' dak l-Istat Membru partikolari.

[4] Ernst & Young, 'Mid-term Evaluation of the Structural Reform Support Programme (SRSP) 2017-2020' (2020), disponibbli fuq https://data.europa.eu/doi/10.2887/656262. Sommarji eżekuttivi disponibbli fuq

twettaq fuq perjodu ta' 12-il xahar, li beda f'Novembru 2018. **B'kollox, l-evalwazzjoni analizzat aktar minn 300 proġett ta' appoġġ tekniku f'24 Stat Membru**, bl-użu ta' varjetà ta' metodi ta' ġbir tad-*data*. Dawn kienu jinkludu riċerka dokumentarja, analiżi tad-*data* mis-sistema interna tal-IT tal-Kummissjoni użata mid-DĠ REFORM għall-ġestjoni tal-SRSP, intervisti mmirati mal-partijiet ikkonċernati, konsultazzjoni online mmirata u studji ta' każijiet. Il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjoni pubblika biex tiġbor input mill-pubbliku ġenerali, min-negozji, mill-assoċjazzjonijiet kummerċjali u mill-gruppi ta' interess.

Il-Kummissjoni tqis li l-kwalità tal-evidenza miġbura hija sodisfaċenti. L-aktar limitazzjoni importanti għar-robustezza tas-sejbiet kienet il-fatt li l-SRSP kien ġie stabbilit biss ftit qabel ma saret l-evalwazzjoni u ħafna proġetti ta' appoġġ tekniku kienu għadhom għaddejjin. Dan ir-rapport għalhekk jipprovdi biss konklużjonijiet u tagħlimiet meħuda inizjali li jistgħu jevolvu hekk kif il-programm ikompli jiġi implimentat.

L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM

L-SRSP 2017 u l-SRSP 2018 kellhom baġit ta' EUR 53 miljun[5]**.** Fiċ-ċiklu baġitarju tal-2017, intgħażlu 159 talba minn 16-il Stat Membru għall-finanzjament mill-271 imressqa. Għaċ-ċiklu baġitarju tal-2018, intgħażlu 146 talba minn 24 Stat Membru għall-finanzjament mill-444 talba mressqa. Għaż-żewġ ċikli baġitarji**, aktar minn nofs it-talbiet għal appoġġ tekniku magħżula kienu relatati mal-implimentazzjoni tal-isfidi identifikati fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika**, b'mod partikolari mal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew.

Mill-proġetti kollha evalwati fiċ-ċikli baġitarji tal-2017 u l-2018, aktar minn nofshom kienu qed jiġu implimentati f'seba' Stati Membri (ir-Rumanija, il-Kroazja, Malta, Ċipru, il-Litwanja, is-Slovenja u l-Polonja). Il-baġit approvat tal-proġetti evalwati tal-2017 u l-2018 kopra t-tkabbir u l-ambjent tan-negozju (EUR 13.5 miljun), is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, is-saħħa u s-servizzi soċjali (EUR 11.4 miljun), l-amministrazzjoni tad-dħul u l-ġestjoni finanzjarja pubblika (EUR 9.1 miljun), is-settur finanzjarju u l-aċċess għall-finanzi (EUR 7 miljun) u l-governanza u l-amministrazzjoni pubblika (EUR 6.8 miljun). It-tliet tipi ta' forniturі ta' appoġġ tekniku l-aktar involuti fit-twettiq ta' dawn il-proġetti evalwati kienu organizzazzjonijiet internazzjonali (37 %), kumpaniji privati (22 %) u korpi tal-gvern (8 %). **Fiż-żmien l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, 22 % tal-proġetti kienu tlestew.**

IS-SEJBIET EWLENIN

Rigward **ir-rilevanza** tal-SRSP, is-sejbiet tal-evalwazzjoni juru li l-SRSP jindirizza l-ħtiġijiet tal-Istati Membri fil-biċċa l-kbira tagħhom. Skont il-partijiet ikkonċernati kkonsultati, l-SRSP huwa strument xieraq biex jipprovdi appoġġ tekniku lill-Istati Membri fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi li jsostnu t-tkabbir. Il-programm huwa perċepit bħala għodda

https://data.europa.eu/doi/10.2887/584399 (bl-Ingliż), https://data.europa.eu/doi/10.2887/244815 (bil-Franċiż), u https://data.europa.eu/doi/10.2887/530192 (bil-Ġermaniż).

[5]SRSP 2017:EUR 22.5 miljun, SRSP 2018:EUR 30.5 miljun.

sinifikanti għat-titjib tal-kapaċità tal-Istati Membri li jiddefinixxu proċessi u metodoloġiji aktar effiċjenti. Barra minn hekk, l-Istati Membri apprezzaw b'mod speċjali l-grad għoli ta' flessibbiltà, is-sempliċità tal-proċeduri tal-kuntrattar u tal-implimentazzjoni ġestiti mill-Kummissjoni u n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' kofinanzjament. Barra minn hekk, is-sejbiet jissuġġerixxu li l-appoġġ tekniku għar-riformi għadu meħtieġ. Dan jidher ukoll miż-żieda fid-domanda mill-Istati Membri għal appoġġ tekniku matul is-snin.

Rigward **l-effettività** tal-SRSP, is-sejbiet juru li l-proġetti ffinanzjati taħt l-SRSP huma ġeneralment imfassla tajjeb u jqisu l-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni partikolari tal-awtoritajiet benefiċjarji li jitolbu appoġġ. L-impatti soċjoekonomiċi rilevanti jitqiesu wkoll, u l-azzjonijiet imfassla spiss ikunu fattibbli u bi skedi ta' żmien realistiċi. Barra minn hekk, is-sejbiet juru li l-SRSP miexi 'l quddiem lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu. Ħafna mill-proġetti ta' appoġġ tekniku x'aktarx li se jiksbu r-riżultati tagħhom, jew diġà għamlu dan. L-evidenza turi li l-bidliet fl-istruttura politika tal-awtoritajiet benefiċjarji u n-nuqqas ta' kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati huma ostakli importanti biex il-proġetti jwasslu għal riżultati. Evalwazzjoni komprensiva tal-impatt tal-programm se titwettaq fi stadju aktar tard.

Is-sejbiet tal-evalwazzjoni jindikaw li l-governanza tal-SRSP hija **effiċjenti**. Is-sistema interna tal-IT attwali tal-Kummissjoni hija fil-biċċa l-kbira adegwata bħala għodda ta' monitoraġġ, għalkemm fiż-żmien tal-evalwazzjoni kienet għadha teħtieġ aktar titjib. Barra minn hekk id-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni intervistati indikaw li l-kooperazzjoni tagħhom mad-DĠ REFORM kienet effiċjenti. F'termini ta' kosteffettività, is-sejbiet jissuġġerixxu li r-riżultati miksuba huma proporzjonati mal-baġit allokat. Meta wieħed iqis il-limitazzjonijiet tal-analiżi, sal-lum l-azzjonijiet iffinanzjati mill-SRSP jistgħu jitqiesu kosteffettivi. Fl-aħħar nett, l-evidenza turi li r-rata ta' assorbiment tal-programm hija allinjata mat-tul ta' sentejn taċ-ċiklu tal-proġett SRSP. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-SRSP huwa effiċjenti fiż-żmien f'termini ta' eżekuzzjoni tal-baġit. Fl-istess ħin, is-sejbiet jindikaw li jistgħu jiġu kkunsidrati standards komuni għall-monitoraġġ tal-appoġġ tekniku fil-livell nazzjonali. Tista' tingħata aktar attenzjoni għal xi riskji żgħar ta' dewmien fil-proċeduri ta' kuntrattar.

Fir-rigward **tal-koerenza** tal-programm, l-analiżi turi li l-komponenti differenti tal-loġika ta' intervent tal-SRSP huma loġikament marbuta ma' xulxin. Il-programm huwa wkoll integrat tajjeb fil-qafas tas-Semestru Ewropew tal-Kummissjoni għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. L-evidenza turi li d-DĠ REFORM stabbilixxa mekkaniżmu xieraq ta' koordinazzjoni ta' appoġġ tekniku. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni jippermetti l-identifikazzjoni f'waqtha ta' sinerġiji potenzjali u jgħin biex jiġi evitat il-finanzjament doppju ta' attivitajiet li diġà qed jiġu ffinanzjati minn fondi u programmi oħra tal-UE. L-intervisti ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni jikkonfermaw li l-komplementarjetajiet bejn l-SRSP u programmi oħra huma fil-biċċa l-kbira salvagwardjati. Madankollu, uħud mid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni enfasizzaw ukoll li l-fatt li l-appoġġ tal-SRSP mhuwiex allinjat mal-perjodu ta' programmazzjoni tagħhom jimponi sfidi fuq programmi oħra tal-UE b'objettivi relatati. Is-sejbiet jissuġġerixxu wkoll li l-Istati Membri jkollhom bżonn iżidu l-kapaċità tagħhom li jwettqu kontrolli aktar fil-fond biex jidentifikaw il-finanzjament doppju.

Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni tenfasizza **l-valur miżjud ċar tal-UE** tal-programm. L-appoġġ tekniku pprovdut taħt l-SRSP huwa maħsub biex jimmira lejn dawk l-isfidi ta' riforma li l-Istati Membri ma jistgħux jindirizzaw fil-livell nazzjonali iżda li għalihom jeħtieġ li jfittxu appoġġ fil-livell tal-UE minħabba restrizzjonijiet ta' kapaċità jew għarfien. Barra minn hekk, il-proġetti ta' appoġġ tekniku ħafna drabi jipprovdu pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda fost l-Istati Membri. Dawn huma karatteristiċi essenzjali li l-SRSP kien mistenni li jagħti f'termini ta' valur miżjud tal-UE. Madankollu, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet benefiċjarji fi Stati Membri differenti jista' jitjieb aktar biex jippermetti l-ottimizzazzjoni tas-sinerġiji u l-kondiviżjoni tas-soluzzjonijiet.

KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tqis is-sejbiet mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu bħala sodisfaċenti u proporzjonati mal-livell ta' tlestija tal-programm. Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, **il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali jinsab fid-direzzjoni t-tajba biex jilħaq l-objettivi definiti minn qabel tiegħu u għandu l-potenzjal li jiġi estiż.** It-tagħlimiet meħuda deskritti hawn fuq se jiġu kkunsidrati kif xieraq. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li f'dan il-punt ma jistgħux jinsiltu konklużjonijiet finali dwar il-prestazzjoni tal-programm peress li l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu saret fi stadju bikri tal-implimentazzjoni tal-programm. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tivvaluta l-impatt tal-programm bħala parti mill-evalwazzjoni *ex post*.